# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' April, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 1592/00mm**

**Dominic Department Stores Limited**

**vs**

**Simon Zammit u s-socjeta' S & D Zammit Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u sebghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm870.53), rapprezentanti hlas dovut mis-socjeta' konvenuta

ghal oggetti u materjal mixtri minghand is-socjeta’ attrici u dan skond l-istatement anness Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Marzu, 2000, bl-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Marzu, 1999, sad-data tal-hlas relattiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta’ Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.